MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 228/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Joann (Josepha Anna) Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Joann (Josepha Anna) Debono detentrici tal-karta tal-identita` numru 456870(M).

Akkuzata talli f'xi hin matul il-gurnata tat-12 ta' Dicembru 2012, gewwa l-lokalita` ta' Santa Venera:

1. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlet hsara fuq vettura tal-ghamla Austin Montego bin-numru ta' registrazzjoni JAO-139 ghad-dannu ta' Hussein Shtewe Mohamed Alboul u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69);
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied;

Akkuzata wkoll talli nhar it-22 ta' Dicembru 2012 ghall-habta ta' bejn l-10.00 u l-11,00 ta' filghaxija minn gewwa residenza maghrufa bhala Twins House sitwata gewwa Triq is-Serkin, Marsa:

3. Ikkommettiet serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u kif ukoll laptop liema seq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Hussein Shtewe Mohamed Alboul u/jew ta' persuni ohra;
4. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlet hsara fuq bieb ta' barra tal-imsemmija residenza u kif ukoll fuq ghamara li kienet tinsab gewwa fiha ghad-dannu ta' Hussein Shtewe Mohamed Alboul u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69);

Akkuzata wkoll talli gewwa dawn il-gzejjer nhar it-22 ta' Dicembru 2012 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1. Bl-imgieba taghha ikkagunat lil haddiehor u cioe’ lil Hussein Shtewe Mohamed Alboul jibza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta’ tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika heddet li taghmel xi reat u aktar talli ghamlet uzu mhux xieraq bih;
3. Gabet ruhha b’mod li tat fastidju u/jew b’mod li kienet taf jew kien imissa kienet taf li dak ikun ta’ fastidju ghal Hussein Shtewe Mohamed Alboul.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna/i offizi u cioe` Hussein Shtewe Mohamed Alboul, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-artikolu 412C tal-Kap 9 u f’kaz ta’ htija, l-Qorti hija mitluba beix tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna/i offizi ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra t’esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 251A(1)(a)(b), 251B(1), 261(b)(c)(e)(f), 263, 269, 270, 325(1)(b), 338(dd), 367, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 49(a)(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni mill-imputata u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista’ tirregola ruhha, u stante li l-parte civile rrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli qed issib lill-imputata Joann (Josepha Anna) Debono hatja tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin (3) millum filwaqt li tilliberaha mir-raba’ (4), l-hames (5), s-sitt (6) u s-seba’ (7) akkuza stante rinunzja mill-parte civile.

Il-Qorti tordna wkoll li flimkien ma’ din is-sentenza tinfliggi wkoll ordni ta’ protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hawn anness.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------